A.L. 88 tal-2010

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2010 dwar Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għall-Infrasruttura, Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 dwar Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi. Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra: Tifsir.

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mwaqqfa bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta;

"l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar imwaqqfa bl-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp; Kap. 356.

"awtorizzazzjoni" tfisser awtorizzazzjoni mogħtija mill-Awtorità taħt dawn ir-regolamenti lil operatur ta' servizz ta' kiri ta' vetturi;

"biċikletta assistita b'magna" tfisser biċikletta li titħaddem b'taħlita ta' pedali u mutur;

"kerrej" tfisser persuna li tingħata d-dritt li ssuq vettura bil-mutur mikrija għaż-żmien li matulu ddum il-kirja;

"kiri" tinkludi kirja fit-tul ta' vettura li taqa' taħt ftehim ta' kiri;

"*motor cycle*" tfisser vettura b'żewġ roti, b'*sidecar* jew mingħajr *sidecar* iffitjata b'magna li jkollha ċilindrata ta' aktar minn 50 ċm^3 tat-tip ta' kombustjoni interna u, jew li jkollha veloċità massima diżinjata ta' aktar minn 45 km fis-siegħa, li, għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, ikollha liċenza biex tinkera minn operatur ta' servizz ta' kiri ta' vetturi;

"*motor tricycle*" tfisser vettura bi tliet roti rranġati b'mod simetriku mgħammra b'magna;

"operatur" tfisser kull persuna awtorizzata mill-Awtorità biex topera servizz ta' kiri ta' vetturi;

"servizz ta' kiri ta' vetturi" tfisser l-offerta ta' vetturi bil-mutur għall-kiri;

"Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

"l-Unjoni Ewropea" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-Att dwar l-Unjoni Ewropea u tinkludi n-Norveġja, l-Islanda u Liechtenstein;

Kap. 356.

"vettura bil-mutur" tfisser vettura li timxi waħidha mekkanikament, kompriżi *motor cycle*, *motor tricycle* u biċikletta assistita b'magna, maħsuba biex tintuża fit-triq, li ma tkunx vettura li timxi fuq binarji, li, għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, ikollha liċenza biex tinkera mingħand operatur ta' servizz ta' kiri ta' vetturi;

"vettura għall-ġarr tal-passiġġieri" tfisser kull vettura bil-mutur M1, M2 jew M3;

"vettura għall-ġarr tal-merkanzija" tfisser vettura bil-mutur N1, jew N2 jew N3;

"vettura M1" tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-passiġġieri u li fiha aktar minn tmien sedili minbarra s-sedil tax-xufier;

"vettura M2" tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-passiġġieri, li fiha aktar minn tmien sedili minbarra s-sedil tax-xufier, u li għandha massa massima ta' mhux aktar minn 5 tunnellati metriċi;

"vettura M3" tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-passiġġieri, li fiha aktar minn tmien sedili minbarra s-sedil tax-xufier, u li għandha massa massima ta' aktar minn 5 tunnellati metriċi;

"vettura N1" tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-merkanzija u għandha massa massima ta' mhux aktar minn 3.5 tunnellati metriċi;

"vettura N2" tfisser vettura bil-mutur għall-ġarr tal-merkanzija u li għandha massa massima ta' aktar minn 3.5 tunnellati metriċi iżda mhux aktar minn 12-il tunnellata metrika;

"vettura N3" tfisser vettura bil-mutur għall-ġarr tal-merkanzija u li għandha massa massima ta' aktar minn 12-il tunnellata metrika.

Awtorizzazzjoni meħtieġa.

3. (1) Ebda persuna m'għandha topera servizz ta' kiri ta' vetturi mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorità.

(2) Ebda awtorizzazzjoni bħal dik ma għandha tingħata ħlief jekk l-applikant ikollu l-ħsieb li jkollu reġistrati u liċenzjati għal dak il-għan għallinqas erba' vetturi bil-mutur u dik l-awtorizzazzjoni għandha tiġi rtirata mill-Awtorità jekk jirrizultalha f'xi ħin li n-numru ta' vetturi li jkunu qegħdin jiġu operati taħt l-imsemmija awtorizzazzjoni jkun inqas minn erba' vetturi.

(3) Biex jikkwalifika għal awtorizzazzjoni, applikant għandu –

(a) ikollu uffiċċju adatt li minnu jamministra s-servizz; u

(b) iġib prova li jkollu fond, li jkun approvat għal dak l-iskop mill-Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar, li fih huwa jkun ser jiggaraxxja kull vettura bil-mutur reġistrata u li jkollha liċenza f'isem l-operatur meta din ma tkunx qiegħda tinkera.

Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni.

4. (1) Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex ikun operat servizz ta' kiri ta' vetturi tista' ssir minn:

(a) persuna naturali;

(b) soċjetà;

(ċ) soċjetà kooperattiva, jew

(d) kumpannija.

(2) Kull applikazzjoni għandha ssir fuq il-formola ordnata u għandha tkun iffirmata:

(a) meta l-applikazzjoni ssir taħt is-subregolament (1)(a), mill-individwu li jkun qed jagħmel l-applikazzjoni; u

(b) meta l-applikazzjoni ssir taħt is-subregolament (1)(b), (ċ) jew (d), mill-persuna awtorizzata kif imiss mis-soċjetà, mis-soċjetà kooperattiva jew mill-kumpannija.

(3) Applikazzjoni biex ikun operat servizz ta' kiri ta' vetturi hi soġġetta għall-ħlas ta' dritt ta' għoxrin euro (20) u għandha tinkludi dikjarazzjoni mill-applikant li fiha jikkonferma li kull vettura bil-mutur se tiġi pparkjata f'fond waqt li din ma tkunx mikrija. L-applikant għandu jipprovdi kull indirizz tal-imsemmi fond flimkien ma' kopji tal-permessi maħruġa mill-Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar u pjanta tal-fond iffirmata u ċċertifikata kif imiss minn perit li tkun tidentifika l-ispazju tal-post li jkun se jintuża għall-vetturi waqt li dawn ma jkunux mikrijin.

(4) Meta operatur li jkun diġà stabbilit f'Malta japplika għal xi awtorizzazzjoni addizzjonali, jew meta operatur stabbilit fi Stat Membru ieħor japplika għal awtorizzazzjoni mingħand l-Awtorità, l-operatur ma jkunx meħtieġ li jintalab rekwiżiti u li jsirulu kontrolli li jkunu ekwivalenti jew essenzjalment paragunabbli fir-rigward tal-għanijiet tagħhom li l-applikant ikun diġà soġġett għalihom f'Malta jew fi Stat Membru ieħor.

(5) Meta l-applikant ma jkunx diġà stabbilit f'Malta jew f'xi Stat Membru ieħor u jipproponi li jopera f'aktar minn post wieħed f'Malta fl-istess proċess ta' applikazzjoni (Applikazzjoni Doppja) jew wara li jkun għamel l-ewwel applikazzjoni (Applikazzjoni Sussegwenti), l-applikant għandu:

(a) fil-każ ta' Applikazzjoni Doppja, ma jkunx jeħtieġlu jipprovdi l-informazzjoni li tkun komuni għaż-żewġ postijiet aktar minn darba iżda għandu jipprovdi kull

informazzjoni li tkun speċifika jew li tkun partikolari għal dawk il-postijiet addizzjonali; u

(b) fil-każ ta' Applikazzjoni Sussegwenti, jipprovdi biss dik l-informazzjoni li tkun ingħatat fl-applikazzjoni oriġinali u li fid-data tal-applikazzjoni sussegwenti ma tkunx għadha aktar valida u jipprovdi dik l-informazzjoni li tkun speċifika jew partikolari għal dawk il-postijiet addizzjonali skont il-paragrafu (a):

Iżda t-tifsira "applikant" m'għandhiex tinkludi lil dawk l-applikanti li kellhom l-applikazzjoni jew applikazzjonijiet tagħhom miċħuda b'mod validu u konklużiv mill-Awtorità.

(6) Minkejja dak kollu li hemm fis-subregolamenti (4) u (5), l-applikant għandu xorta waħda jimla kull formola ta' applikazzjoni hekk kif l-Awtorità tista' teħtieġ.

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu mwieġba.

5. (1) Applikazzjonijiet kompluti għal awtorizzazzjoni għandhom jiġu mwieġba b'avviz bil-miktub mill-Awtorità fi żmien sebat ijiem minn meta jaslu u dak l-avviż għandu jispeċifika:

(a) il-perijodu li fih l-applikazzjoni għandha tiġi proċessata skont dawn ir-regolamenti;

(b) x'rimedju jkollu l-applikant meta l-Awtorità tiċħad applikazzjoni għal awtorizzazzjoni; u

(ċ) dikjarazzjoni li f'każ li tibqa' ma tingħatax tweġiba fil-perijodu msemmi fil-paragrafu (a), l-awtorizzazzjoni għandha titqies li tkun ingħatat.

(2) Fil-każ ta' applikazzjoni li ma tkunx kompluta, l-applikant għandu jiġi mgħarraf fi żmien sebat ijiem minn meta tkun waslet l-applikazzjoni dwar il-ħtieġa li jipprovdi xi dokumentazzjoni addizzjonali.

Investigazzjonijiet u spezzjonijiet.

6. (1) Meta applikazzjoni tkun saret skont dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha tagħmel dawk l-investigazzjonijiet u tagħmel dawk l-ispezzjonijiet li b'mod reġonevoli jkunu meħtieġa biex tiżgura konformità ma' dawn ir-regolamenti, u l-Awtorità għandha tinforma lill-applikant b'avviż bil-miktub mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata minn meta tkun irċeviet id-dokumenti kollha rilevanti dwar id-deċiżjoni tal-

Awtorità fuq l-applikazzjoni u, meta tkun se tiċħad l-applikazzjoni, hi tagħti r-raġunijiet tagħha għal dan:

Iżda meta ċ-ċirkostanzi jkunu jeħtieġu aktar żmien biex l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata, dak il-perijodu jista' jiġi estiż darba waħda biss mill-Awtorità għal perijodu ta' mhux aktar minn ħmistax-il ġurnata u l-applikant għandu jiġi avżat bl-estensjoni, it-tul tagħha u r-raġunijiet għaldaqstant.

(2) Meta l-Awtorità ma tkunx ħadet deċiżjoni fi żmien il-perijodu ordnat jew f'dak estiż imsemmi f'dan ir-regolament l-applikazzjoni għandha titqies li tkun ġiet deċiża favur l-applikant.

Ċediment, sospensjoni jew irtirar ta' awtorizzazzjoni.

7. (1) Operatur jista' f'kull ħin jagħti avviż lill-Awtorità li, wara dik id-data kif tkun tidher f'dak l-avviż, huwa ma jkunx għadu jaġixxi aktar bħala operatur taħt awtorizzazzjoni li tkun inħarġet jew taħt dik l-awtorizzazzjoni li tista' tissemma fl-avviż, u kull awtorizzazzjoni li għaliha jkun jirriferi dak l-avviż imsemmi ma tibqax aktar fis-seħħ f'dik id-data speċifikata fir-rigward tagħha:

Iżda meta operatur jagħżel li ma jibqax jopera servizz ta' kiri ta' vetturi għal perijodu ta' żmien li ma jkunx itwal minn xahar kalendarju f'xi sena kalendarja partikolari, l-operatur għandu jitlob l-approvazzjoni minn qabel tal-Awtorità, u dik l-approvazzjoni għandha tingħata mill-Awtorità jekk din tkun sodisfatta li tkun teżisti bażi raġonevoli għal għeluq temporanju:

Iżda wkoll meta operatur ma jibqax jopera s-servizz ta' kiri ta' vetturi mingħajr permess mill-Awtorità jew aktar miż-żmien allokat, l-Awtorità tista' tħassar l-awtorizzazzjoni.

(2) L-Awtorità tista' f'kull ħin u fuq bażi raġonevoli tissospendi, tirtira jew tħassar awtorizzazzjoni billi tagħti lil operatur avviż bil-miktub li fih tagħti r-raġunijiet għal dik is-sospensjoni, irtirar jew tħassir:

Iżda kemm-il darba ma jkunx hemm mġiba ħażina jew negliġenza jew raġunijiet aktar serji għal sospensjoni, teħid lura jew tħassir immedjat, id-data operattiva ta' dak l-avviż m'għandhiex tkun inqas minn tmienja u għoxrin ġurnata mid-data tal-avviż.

(3) Awtorizzazzjoni li dwarha jinħareġ avviż skont is-subregolament (2) m'għandhiex, kemm-il darba ma titħassarx qabel dik id-data, tibqa' fis-seħħ fid-data li tkun tidher fl-avviż.

(4) Meta awtorizzazzjoni tispiċċa jew titħassar, persuna li qabel kienet tikkwalifika bħala operatur tagħżel li tapplika mill-ġdid għal awtorizazzjoni għandha tippreżenta applikazzjoni mill-ġdid u l-Awtorità għandha tingħata mill-ġdid kull informazzjoni u dokument li wieħed ikun jeħtieġ jagħti ma' kull applikazzjoni ġdida.

Dritt ta' appell.

8. Persuna li tħoss ruħha aggravata minn xi deċiżjoni tal-Awtorità li ma tagħtix jew ma ġġeddidx, jew li tissospendi jew tħassar awtorizzazzjoni, jew li timponi kundizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet fiha jew dwarha, ikollha d-dritt li tappella fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata minn meta jiġi notifikat b'dik id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

Kap. 490.

L-awtorizzazzjoni mhix trasferibbli.

9. Awtorizazzjoni mogħtija taħt dawn ir-regolamenti ma għandha bl-ebda mod tingħata jew tiġi trasferita lil xi persuna oħra, u kull għoti jew trasferiment bħal dak lil xi persuna oħra għandu jitqies null u bla effett u jkun jikkostitwixxi bażi suffiċjenti biex l-Awtorità tħassar dik l-awtorizzazzjoni.

Tiġdid ta' awtorizzazzjoni.

10. (1) Salvi d-disposizzjonijiet tar-regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha ġġedded ta' kull sena awtorizzazzjoni li tkun diġà ngħatat wara li jitħallas id-dritt għat-tiġdid kif stabbilit taħt it-Taqsima II tal-Ewwel Skeda tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija. Dak id-dritt jinġabar f'isem il-Gvern.

A.G. 846 tal-1949.

(2) Operatur li jonqos milli jkollu l-awtorizzazzjoni tiegħu mġedda fi żmien tletin ġurnata mid-data li fiha tiskadi dik l-awtorizzazzjoni jitqies li kien qed jopera mingħajr awtorizzazzjoni f'dak iż-żmien bejn id-data li fiha tkun skadiet l-awtorizzazzjoni li jkollu u d-data li fiha dik l-awtorizzazzjoni tiġi attwalment mġedda.

(3) Kopja tal-awtorizzazzjoni għandha tinżamm il-ħin kollu fil-fond li għalih tkun tirriferi u għandha titwaħħal mal-ħajt u titqiegħed f'post fejn tidher sew fil-fond.

Pieni.

11. (1) Persuna li tikser ir-regolament 3(1) tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa li ma tkunx aktar minn €10,000.

(2) Meta operatur ma' josservax id-disposizzjonijiet tar-regolament 10(2), huwa jkun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux aktar minn €1,000 u piena oħra ta' €50 għal kull ġurnata li fiha tibqa' mhux imġedda l-awtorizzazzjoni.